**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 406/2015JB

Numru 2

**Go plc (C22334)**

***vs***

**Raymond Camilleri (K.I.: 811552M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-26 ta' Mejju 2015 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tliet mija u tlieta u ghoxrin euro u sebgha u sebghin centezmu (€323.77). Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 433/14 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-imsemmija ittra ufficcjali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-30 ta' Gunju 2015;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti u ghad li nghata l-permess specjali sabiex jipprezenta risposta fl-udjenza tat-30 ta' Gunju 2015, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li fis-seduta tal-lum il-Partijiet, permezz tal-avukati taghhom, ipprezentaw nota li permezz taghha fil-waqt li l-Konvenut ammetta t-Talba purche jkun hemm dilazzjoni tal-pagamenti, bi qbil mas-Socjeta Attrici gie miftiehem dan li gej:

1. Illi s-sorte jithallas b'pagamenti mensili ta' tletin euro (€30)-il wiehed liema pagamenti ghandhom isiru nhar il-hmistax-il jum ta' kull xahar b'effett mill-15 ta' Novembru 2015;
2. Illi kemm-il darba l-ammont jithallas kif qed jigi miftiehem fil-paragrafu precedenti, l-ebda imghax ma jigi applikat;
3. Illi l-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagamenti jintilef fl-eventwalita ta' morozita ta' almenu tliet skadenzi u jsiru dovuti anke l-imghaxijiet legali;

4. Illi dwar l-ispejjez, il-Partijiet jaqblu li dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejniethom;

Illi inoltre, fl-istess seduta id-difensur tas-Socjeta Attrici irriduca l-pretensjoni attrici b'hamsin euro (€50) stante pagament ta' dan l-ammont;

Illi in vista ta' dan, il-Partijiet qablu li t-Tribunal ghandu jghaddi ghas-sentenza a bazi ta' dan l-intendiment ta' bejniethom.

Ikkunsidra;

Illi fejn jirrigwarda l-imghaxijiet pretizi, it-Tribunal jinnota li l-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi espressament fl-Art. 1141(2) li fejn imiss ma' obbligazzjonijiet li ma jkunux ta' xorta kummercjali, "*l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni*". L-ewwel att gudizzjarju dwar din il-millantazzjoni ghandu jitqies li gie notifikat huwa proprju l-avviz tat-talba odjerna, stante li r-riferta tal-ittra ufficcjali hija wahda negattiva u kwindi t-Tribunal sejjer jilqa' t-talba ghall-hlas tal-imghax b'effett mid-data tal-prezentata tal-kawza, soggett naturalment dan ghall-ftehim li sar bejn il-partijiet;

Ghalhekk, it-Tribunal se jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza a bazi tal-intendiment tal-partijiet u tar-riduzzjoni tat-talba kif verbalizzat illum stess;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin euro u sebgha u sebghin centezmu (€273.77) bl-imghax legali b'effett mid-data tan-notifika tal-kawza u cjoe t-8 ta' Gunju 2015 b'dan (i) li s-sorte jithallas b'pagamenti mensili ta' mitt euro (€30)-il wiehed liema pagamenti ghandhom isiru nhar il-hmistax-il jum ta' kull xahar b'effett mill-15 ta' Novembru 2015; (ii) kemm-il darba l-ammont jithallas kif qed jigi miftiehem fil-paragrafu precedenti, l-ebda imghax ma jigi applikat; u (iii) li dan il-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagamenti jintilef fl-eventwalita ta' morozita ta' almenu tliet skadenzi u jsiru dovuti anke l-imghaxijiet legali;

L-ispejjez tal-proceduri, in vista tal-ftehim registrat in atti, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*